ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 17/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 10 ta' Lulju, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fit-15:30hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 16

17.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 16 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li r-Reġjun Nofsinhar kien ħareġ l-Inizjattivi Ambjentali għas-sena 2020. Ir-Reġjun lest li jagħti €5000 biex jiżdiedu mal-Fondi tad-Development Planning Fund.

17.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ser ikunu qed jagħmlu *brain storming* dwar xi proġetti jistgħu jsiru biex jintuża dan il-fond flimkien mad-Development Planning Fund.

17.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva stima biex jissewwa l-apparat tal-*open gym* li hemm miksur.

17.3.2.1 Il-Kunsilliera qalu li din l-istima hija għolja ħafna u għaldaqstant dan l-apparat ser jissewwa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

17.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar talba mill-Kappillan biex il-ħaddiema tal-Kunsill jgħinu f'xogħol ta' żebgħa fil-knisja.

17.3.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din ma tistax tintlaqa' minħabba li l-ħaddiema tal-Kunsill ma jistgħux jagħmlu xogħol fi propjetà ta' terzi.

17.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tal-persuni li l-Kunsill kien avviċina biex jagħmlu parti mis-Sotto Kumitat Ġemellaġġ Rousset, tnejn kienu aċċettaw, wieħed ma aċċettax minħabba raġunijiet personali u tnejn għadhom ma wieġbux.

17.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li tintbgħat ittra lil persuna oħra biex naraw jekk tixtieqx tagħmel parti minn dan is-Sotto Kumitat. Il-Kunsilliera nnominaw ukoll żewġ persuni oħra biex jekk ikollna risposta fin-negattiv minn dawk li ma kienux għadhom wieġbu, inkunu nistgħu navviċinaw lil dawn il-persuni.

17.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jiġbor stimi għal bankijiet u *bins* biex issir ir-*refurbishment* tal-*area* quddiem il-Kunsill.

17.3.5.1 Il-Kunsillier John Luke Cassar issuġġerixxa li l-injam u l-ħadid isir mill-ħaddiema tal-Kunsill, biex jiġi pariġġ tal-aperturi tal-Kunsill.

17.3.5.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan is-suġġeriment.

17.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien iltaqa' ma' rappreżentant ta' Infrastracture Malta rigward ix-xogħol li ser isir fil-mini ta' Ħal Kirkop u biswit, fejn inħarġu l-permessi tal-PA rigward il-bini ta' kamra biex isservi ta' *control room* għall-mini.

17.3.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien talab li tiġi rranġata l-*area* kollha biex tkun tikkumplimenta kif jixraq mad-daħla ta' Ħal Kirkop.

17.3.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li Infrastracture Malta ikkonfermaw li l-*area* biswit il-mina ser tiġi rranġata.

17.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien informa lill-GreenPak rigward il-qbil li l-*bring-in sites* jersqu fi Triq ir-Ramlija.

17.3.7.1 Is-Sindku qal li l-GreenPak kienu talbu l-*area* eżatt fejn ser jitpoġġew dawn l-iBins. Is-Sindku qal li hu kien mar jieħu xi ritratti fuq il-post biex jara fejn l-aħjar jitpoġġew.

17.3.7.2 Il-Kunsilliera raw dawn ir-ritratti u ddeċidew li l-*bring in sites* jiġu ħdejn il-*culvert* tal-ilma, issir pjattaforma tal-konkos u jitpoġġew fuqha.

17.3.7.3 Il-Kunsilliera qablu wkoll li l-GreenPak jintalab jagħmel CCTVs fuq dawn il-*bring in sites* biex ma jkunx hemm abbuż.

17.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ħa l-parir tal-Avukat rigward l-artiklu malafamanti li deher fuq ġurnal lokali.

17.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-artiklu u l-ħsieb li jinfetaħ libell. F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit ħin biex il-Kunsilliera setgħu jitkellmu mal-Avukat.

17.3.8.2 Il-laqgħa tkompliet u l-Kunsilliera ddiskutew il-parir tal-Avukat u ġie deċiż li l-Kunsill imexxi bil-libell.

17.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien hemm applikazzjoni ġdida dwar il-proġett LC Care Project biex isir *neutering* u jiġu pprovduti *vouchers* għall-ikel biex il-*feeders* ikunu jistgħu jitimgħu l-i*stray cats*.

17.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li s-Sindku jieħu ħsieb japplika għal dan il-proġett.

17.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu talba biex il-Kunsill jilħaq ftehim biex ma jsirux taħrikiet fuq vetturi pparkjati fil-kantunieri, li ma jkunux ta' ostakolu, bejn it-8.00pm u t-8.00am.

17.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li tinkiteb *email* lil-LESA dwar dan u naraw x'jista' jsir.

17.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Bank of Valletta plc kien informa lill-Kunsill li ser jibda' jkun hemm *charges* meta l-Kunsill joħroġ aktar minn 100 ċekk matul sena.

17.3.11.1 Is-Sindku kompla jgħid li ma hux vijabli li l-Kunsill jeħel *charges* għalxejn. Għaldaqstant kien hemm il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu s-servizz tal-Internet Banking biex seta' jagħmel it-tranżazzjonijiet meħtieġa, bil-ħaddiema klerikali jdaħħlu l-informazzjoni u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jawtorizzaw dawn il-pagamenti.

17.3.11.2 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill japplika għal dan is-servizz mal-Bank of Valletta plc li huma l-bankiera tal-Kunsill.

17.3.11.3 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika għas-Servizz tal-Internet Banking, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

17.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wara li sar l-awditjar tal-kotba finanzjarji tal-Kunsill kien hemm ammont fil-lista ta debituri li ilu ħafna u li jidher li ma hemmx lok li jitħallas, u għaldaqstant l-awdituri kienu ssuġġerew li dan l-ammont jitneħħa mill-kotba u jsir *write-off* tiegħu.

17.3.12.1 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat li jsir *write-off* tal-ammont ta' €1099 hekk kif spjegat fil-*management letter* tas-sena 2019, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

17.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa gwida dwar kif u meta ser issir it-tkomplija tat-toroq li qed isiru minn Infrastructure Malta.

17.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu tkellem mal-Perit ta' Infrastracture Malta rigward it-tkomplija tat-toroq u li sakemm jgħaddu l-festi ma jitkomplix ix-xogħol bejn l-14 ta' Lulju u t-23 ta' Awwissu, 2020.

17.4.1.2 Is-Sindku qal li sa issa hemm approvat li ssir Triq San Benedittu sa qabel Misraħ Ħal Kirkop. Hu staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jitlob li l-bankini fil-qalba tar-raħal isiru biċ-ċangaturi.

17.4.1.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li ssir talba biex inżidu l-parti bejn Triq San Benedittu u Triq il-Kbira u apparti hekk nitolbu biex il-bankini fil-qalba tar-raħal isiru biċ-ċangaturi.

17.4.2 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-18:25hrs.

17.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-Kunsill irċieva *email* rigward korsijiet ta' *First Aid* u *Fire Warden*. Hu qal li jkun interessati li l-impjegati tal-Kunsill jattendu għal dawn il-korsijiet u anke l-Kunsilliera.

17.4.3.1 Il-Kunsilliera qablu miegħu u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma l-istaff dwar dan. Apparti hekk il-Kunsilliera interessati li jattendu ser ikunu qed jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv bl-interess tagħhom.

17.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm bżonn li l-ilmenti tan-nies jiġu rrapurtati mill-ewwel u mhux jitħallew pendenti. Dan għax ħafna qed jiġu jagħmlu r-rapporti u jispiċċaw ikellmu l-Kunsilliera. Importanti li l-ħaddiema jagħmlu xogħolhom sew u jirrapurtaw mill-ewwel.

17.4.4.1 Apparti hekk huwa importanti li ssir *follow up* tal-ilmenti biex il-Kunsill ikun ċert li ttieħdet azzjoni u x-xogħol sar.

17.4.4.2 Il-Kunsilliera qablu mal-Kunsillier John Luke Cassar u talbu wkoll li kull nhar ta' Ġimgħa jinħareġ rapport tal-ilmenti li jkunu daħlu u x'sar dwarhom flimkien mal-ilmenti pendenti.

17.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li l-*Contracts Manager* hemm bżonn li jieħu aktar bis-serjeta xogħlu u jirraporta dirett lill-kuntratturi.

17.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li wasal iż-żmien li terġa' ssir laqgħa mal-*Contracts Manager* biex tinġibed l-attenzjoni dwar dan.

17.4.6 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar ir-restawr tal-arkata ta' San Ġakbu u jekk il-Kunsill kienx infurmat meta ser jibda x-xogħol.

17.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ma kienx ġie infurmat meta ser jibda x-xogħol u għaldaqstant kienet ser tintbgħat *reminder* f'dan is-sens.

17.4.6.2 Is-Sindku kompla jgħid li kienet kellmitu l-persuna li tħallas il-qbiela u qaltlu li lesta ċċedi l-parti tagħha jekk din tiġi rranġata, peress li fl-akwata hemm ukoll oqbra.

17.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' jaħtar Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Apparti hekk hu ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jerġa' japplika biex ikollu l-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ.

17.4.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn iż-żewġ suġġerimenti u qablu li jaħsbu fuq żgħażagħ li jistgħu ikunu parti mill-Kunsill taż-Żgħażagħ u meta dan jintgħażel, l-Kunsill taż-Żgħażagħ jagħżel l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

17.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa lis-Sindku jekk kellux xi *feedback* dwar is-CCTVs, kemm mil-LESA u kif ukoll mill-Cleansing Department.

17.4.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien ser jagħmel *reminder* biex jara jekk kellhomx xi *feedback* f'dan ir-rigward.

## 17.5 Rapport tal-Ilmenti

17.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva lment rigward *parking lines* fi Triq Nerik Xerri k/m Triq Salvu Sacco.

17.5.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jara eżatt x'hemm bħalissa u jirreferi lura l-Kunsill biex naraw x'jista' jsir.

17.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bqija tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 17.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 20

17.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2020. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq l-Ewwel Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

17.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.7 Approvazzjoni tar-risposta għall-*Management Letter* sena 2019

17.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta għall-*Management Letter* għas-sena 2019. Din ir-risposta ġiet diskussa mill-Kunsilliera preżenti u kien hemm qbil unanimu ma dak imwieġeb.

17.7.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex ir-risposta għall-*Management Letter* għas-sena 2019 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.8 Vakanza għal Ġardinar – Skala 16

17.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu saru l-intervisti għall-vakanza għal Ġardinar *part-time* Skala 16, wara li kienet ħarġet is-sejħa għall-pubbliku inġenerali, peress li ħadd ma kien applika wara li din is-sejħa kienet ħarġet internament u għal dawk li qed jirreġistraw għax-xogħol.

17.8.2 Is-Sindku Terence Agius qal li dawk li attendew għall-intervisti ġew irrenkjati. Ġie deċiż li dawn jissejjħu skont l-ordni li ġew u jekk minn ġie fl-ewwel post ma jaċċettax, jgħaddu għal dak li ġie fit-tieni post u jekk dan ma jaċċettax jgħaddu għal dak li ġie fit-tielet post.

17.8.3 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat il-persuna skont minuta 17.8.2 biex timla' l-post vakanti ta' Ġardinar *part-time* Skala 16, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.9 Vann tal-Kunsill

17.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li t-tender biex jinxtara vann għall-Kunsill kienet ħarġet nhar l-1 ta' Lulju, 2020 u t-tenders setgħu jintefgħu sa nhar il-21 ta' Lulju, 2020.

17.9.2 Apparti hekk is-Sindku qal li meta l-Kunsill kien talab biex jarmi l-vann l-antik, kien hemm persuna li kienet lesta li tagħti donazzjoni għal dan il-vann.

17.9.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tieħu ħsieb tagħmel it-*transfer* tal-vann fuq din il-persuna u taċċetta din id-donazzjoni, għal-liema dħul tinħareġ irċevuta.

## 17.10 Kuntratt u Liċenzja – *Day Centre*

17.12.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsilliera abbozz tal-kuntratt li l-Kunsill kien ser jifferma mal-AACC.

17.12.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-kuntratt u qablu li għandha tiżdied il-klawsola li tistipula li jsir trasport għall-anzjani u l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs.

17.12.3 Il-Kunsilliera qablu dwar dan u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tipprepara l-kuntratt u tgħaddih lil AACC biex jiġi ffirmat.

17.12.4 Is-Sindku Terence Agius qal li apparti hekk, fir-rigward tal-liċenzja mis-Social Care Standards Authority, il-Kunsill kien bgħat ir-risposta skont kif iggwidat mill-Avukat tal-Kunsill u sakemm dħalna għal-laqgħa l-Kunsill kien għadu bla risposta.

## 17.11 Toqob tan-Nar tal-Art

17.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu flimkien mal-Kunsillier Cody Galea kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-każini tal-banda rigward it-toqoq tan-nar tal-art fi Triq San Nikola.

17.11.2 Il-Kunsill Cody Galea qal li hu kien qed jidraftja kuntratt dwar dawn it-toqob, liema kuntratt irid jiġi ffirmat mal-każini għall-perjodu ta' 10 snin, minħabba l-ispiża kbira li hemm bżonn issir.

17.11.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hemm bżonn li jinġabru aktar kwotazzjonijiet biex wieħed ikun jista' jara eżatt għal-liema spejjeż qed jikkometti ruħu.

17.11.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li wieħed ma jistax jinsa li hemm għaqdiet oħrajn fir-raħal u staqsa dwar x'jiġri jekk għaqdiet oħrajn jitolbu l-istess ammonti ta' flus.

17.11.5 Il-Kunsillier Cody Galea qal li dawn il-ħofor ser jiġi rranġati minħabba s-sigurtà u mhux għall-għaqda innifisa.

17.11.6 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn it-toqob kienu saru minn Kunsill preċedenti u għaldaqstant għandhom jiġu rranġati.

17.11.7 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li dawn it-toqob jiġu rranġati u fil-kuntratt ikun hemm imniżżel li ma jistgħux jiżdiedu aktar toqob.

## 17.12 Tisbieħ tal-*observation area* tal-ajruplani – Triq l-Industrija

17.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva pjanta tal-*observation area* tal-ajruplani mingħand il-Perit.

17.12.2 Is-Sindku ressaq din il-pjanta għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera ddiskutew din il-pjanta u qablu mal-kontenut tagħha.

17.12.3 Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat din il-pjanta lid-Direttur tal-Embellishment fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu, peress li din kienet intalbet minn naħa tagħhom biex jaraw jistgħux ikunu ta' għajnuna f'dan ix-xogħol ta' tisbieħ.

## 17.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

17.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 104 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

17.13.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 104 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 17.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

17.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2020 fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

17.14.3 Il-laqgħa ntemmet fid-19:32hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 26 ta' Awwissu, 2020

**Mozzjoni Ref:** 090/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 16.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 091/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill japplika għas-Servizz tal-Internet Banking.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 092/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat li jsir *write-off* tal-ammont ta' €1099 hekk kif spjegat fil-*management letter* tas-sena 2019.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 093/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 094/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2020 jiġu approvati.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 095/20/9

**Mozzjoni:**

Biex ir-risposta għall-*Management Letter* għas-sena 2019 tiġi approvata.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 096/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat il-persuna skont minuta 17.8.2 biex timla' l-post vakanti ta' Ġardinar *part-time* Skala 16.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 097/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 104.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 10 ta' Lulju, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**